**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 31, 33A, 49, 50, 95(1), 217 u 221 (1) (2)**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**JOSEPH BONNETT**
**(Karta tal-identita' numru 304478M)**

**Illum 12 ta' April , 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH BONNETT,** bin Carmelo u Giovanna nee' Attard, imwieled nhar il-11 ta' Gunju, 1978, residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 304478(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-12 t'April, 2013 ghal habta ta' tmienja neqsin ghaxra ta' filghaxija (19:50hrs) fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid:-

1. waddab mishun lejn CO127 Jason Farrugia, persuna inkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' CO127 Jason Farrugia;
3. U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi Sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema Sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-hati ai termini tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-affidavit ta' PS100 Terence Azzopardi mmarkat bhala Dok. JV1 a fol. 7, certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Daniel Barta nhar it-12 ta' April 2013 immarkat bhala Dok. JV2 a fol. 8 u l-Kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Novembru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. JV3 u jinsab a fol. 9 tal-process.

Rat illi fl-ezami li sar nhar is-6 ta' Frar 2014 l-imputat iddikjara li ma kellux ogezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti ( fol. 10).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2016.

Ikkunsidrat:

Illi nhar id-19 ta' Mejju, 2014 xehed **CO 127 Jason Farrugia** u spjega li jiftakar li fit-tnax (12) ta' April, tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa kien xoghol mis-sebgha (7:00) ta' filghodu sad-disgha (21:00) ta' bil-lejl. Jiftakar li kien stazzjonat *Division four (4)*. Waqt li hu kien qed iqassam l-ikel, cioe' bejn is-sitta w nofs (18:30) u s-sebgha neqsin kwart (19:45) ta' filghaxija, huwa kellu argument ma' Joseph Bonnett, li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat odjern. Huwa ghalhekk mar sabiex jaqfel lill-imputat fic-cella u sakemm kien qed jiftah il-katnazz jaf li dan gie minn warajh u tefaghlu tazza bil-mishun. Mistoqsi mill-Qorti fejn jaf li kien l-imputat li kien ghamel hekk, spjega li x'hin dar lilu ra.

Spjega illi sussegwentement Bonnett baqa' jhebb ghalih u hawn gew xi ufficcjali ohra. Sussegwentement mar ikellem lil Dr. Daniel Barta, li huwa t-tabib tal-Habs, u dan irrilaxxja certifikat mediku li hu dak esebit fl-atti mmarkat bhala dokument JB2 a fol. tmienja (8) tal-process. Qal li l-argument inqala' ghaliex huwa talab lill-imputat biex inaddaf ic-cella w dan ma riedx. Meta l-imputat qallu li ma riedx innaddaf ic-cella, hu qallu li kellu bzonn jaqflu sabiex ikellem lill-Maggur tieghu u dan ghaliex min ma jnaddafx irid jinqafel gewwa.

Illi nhar id-19 ta' Mejju, 2014 xehed l-**Ispettur Jurgen Vella** u spjega li nhar it-tnax (12) ta' April, elfejn u tlettax (2013) il-Pulizija tal-Ghassa Rahal Gdid kienu rcevew rapport mill-Habs fejn gew infurmati li CO 127 Jason Farrugia kien ghamel rapport illi kien ghadu kemm kellu incident mal-prigunier Joseph Bonnett fejn dan, in segwitu' ghal argu ment bejniethom, kien tefaghlu xi mishun fuqu. Ix-xhud qal li Farrugia kien ipprezentalu certifikat mediku mahrug mit-tabib tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin Dr. Daniel Barta. Kompla li Farrugia kien spjegalu li kellu xi argument ma' Bonnett rigward xi tindif fil-Facilita' u mbaghad Bonnett kien tefaghalu xi mishun.

Zied li sussegwentement kien tkellem mal-imputat, tah id-debita twissija u tah ukoll id-dritt li jikkonsulta mal-Avukat qabel ma beda jinvestigah. Spjega li l-imputat kien ha l-parir tal-Avukat ta' Dr. Joseph Giglio. Fl-istqarrija tieghu l-imputat stqarr illi kellu argument mas-CO 127 u spjegalu ezatt x'kien gara dakinhar tal-incident. Dan qal illi l-gwardjan beda jkellmu hazin u ammetta illi kien dahal jaghmel belgha te' w li tefa'l-mishun lil Farrugia. Pero' sostna li l-mishun kien biss fietel u mhux jahraq. Allega li l-Gwardjan kien tah daqqa ta' ponn, wara li hu kien tefaghlu l-ilma. Pero' certifikat mediku m'ghamilx.

L-Ispettur Vella qal li l-imputat ghazel li jiffirma din l-istqarrija li kopja taghha ' giet esebita u mmarkata bhala Dok. JB. Fuqha gharaf il-firma tieghu, dik tal-imputat Joseph Bonnett kif ukoll ta' PC 663 Jean Paul Sciriha. Esebixa wkoll il-fedina penali tal-imputat li giet

immarkata bhala Dok. JB1, kif ukoll att mill-estratt tat-twelid li gie mmarkat bhala Dok. JB2.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2014 xehed **Dr. Daniel Barta** u kkonferma li kien hu li hareg ic-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. JV2 esebit a fol. tmienja (8) f'isem Jason Farrugia. Fuqu gharaf il-firma tieghu. Qal li huwa kien ezamina lil Jason Farrugia fil-Medical Room tal-Habs ta' Kordin fejn irriskontra harqa friska li setghet giet ikkawzata jew billi ntefa' likwidu jahraq jew kellu access dirett ma' xi oggett jahraq jew addirittura ikkawzata min-nar baxx. Iddikjara li wara dan l-ezami ma regax ra lil Jason Farrugia u li l-harqa in kwistjoni kienet superficajli tal-ewwel grad.

Illi nhar is-27 ta' Novembru, 2014 xehed **PS100 Terence Azzopardi** u kkonferma li fit-tnax (12) ta' April, tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19:00) huwa kien stazzjonat bhala Surgent fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid. Ikkonferma li kien mar jaghmel rapport CO 127 Jason Farrugia, fejn kien irrapportalu illi waqt li huwa kien fid-divizjoni erbgha (4) tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kien ta struzzjonijiet lil certu prigunier Joseph Bonnett sabiex inaddaf ic-cella tieghu, pero' dan il-prigunier irrifjuta li jnaddafha u ghalhekk is-Sur Farrugia qallu li kien se jsakkru goc-cella. Spjega li CO 127 Farrugia qallu li meta mar jiftah ic-cella, waqt li kien dahru lejn Bonnett, dan waddabblu tazza mishun go dahru.

Ix-xhud kompla li Azzopardi kien qallu li kien mar ikellem lit-tabib tal-Habs minnufih, fejn kien gie ccertifikat li kien qed isofri minn hruq ta' grad numru wiehed (1). Huwa fil-fatt esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala dokument PS. Mistoqsi jekk huwa effettivament kienx tkellem mal-imputat Joseph Bonett spjega li dakinhar huwa ma kellmux u dana ma kienx possibbli peress li kienu biddlulu d-divizjoni minhabba kwistjoni ta' sigurta'. Huwa fil-fatt ipprezenta dokument PS1 li huma n-notamenti li huwa ha minn fuq l-okkorrenza li ghadu kif esebixxa.

Illi nhar it-2 ta' Marzu, 2016 xehed minn jeddu w b'mod volontarju l-imputat **Joseph Bonnett.** Spjega li jiftakar li dakinhar tal-incident u cioe' fit-tnax (12) ta' April, elfejn u tlettax (2013) huwa kien residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Spjega li d-Divizjoni fejn kien jinsab hu titnaddaf mill-prigunieri stess. Jiftakar li dakinhar kien ghamel il-bicca tieghu pero' l-ufficjal ma kienx prezenti. In segwitu' jaf li kien dahal fic-cella tieghu u CO Farrugia kien talbu biex inaddaf u bil-mod huwa nfurmah li effettivament il-bicca tieghu kien diga' ghamilha. L-ufficcjal beda jirrabja mieghu, kellmu hazin u qallu li hemmhekk hu jikkmanda w allura kellu jerga' jnaddaf. Pero' huwa rrifjuta w l-ufficcjal wissieh li kien se jsakkru fic-cella.

Qal illi meta l-Gwardjan mar biex jimbuttah goc-cella, ghalaqlu l-bieb u weggaghlu subajh. Dak il-hin hu kellu tazza mimlija bl-ilma, mhux mishun, qabdu w waddabulu. Stqarr li l-ilma kien effettivament imlih mill-*boiler*, pero' kien ilu fuq il-mejda w ghalhekk kien lahaq bired. Zied jghid li filfatt l-ghada l-ufficcjal kien irrapporta ghax-xoghol.

Sahaq li kien ilu diga' xi hames (5) minuti li mela t-tazza bl-ilma w ma kinitx mimlija kollha. Zied li dak il-hin meta mbuttah u ghalaqlu subajh fil-bieb tac-cella, hu fetah il-bieb u tefaghhielu, ghaliex kien frustrat u rrabbjat. Stqarr li t-tazza effettivament kien fiha l-ilma ghaliex kien qed jixrob minnha. Din kienet qieghda fuq il-mejda u kien qed jitkellem ma' prigunier iehor u kien qed jixrob minnha bil-mod. Cahad li ma xorobx l-ilma ghax kien ghadu jahraq.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment.</u>**

Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

1.Illi nhar it-12 t'April 2013 l-imputat li kien residenti il-Habs ta' Kordin, kellu xi jghid mal-Ufficcjal CO 127 Jason Farrugia.

2. Illi CO 127 ordna lill-imputat sabiex inaddaf ic-cella tieghu, kif del resto kien ghamel f'okkazjonijiet precedent, w dan irrifjuta bil-pretest li kien gja naddafha.

3. Ic-CO 127 dar biex jiftah ic-cella bil-ghan li jdahhal lill-imputat u dak il-hin, skond l-imputat, CO 127 wegghu (pero' certifikat mediku m'ghamilx) u kien frustrat.

4.L-imputat ghalhekk qabad it-tazza li kellu mimlija bl-ilma - li kien mishun ghalkemm l-imputat jghid li ma kienx jaghli ghaliex kien ilu li ferrghu u kien gja xorob parti minnu - w tefghu fid-direzzjoni tal-Ufficcjal 127.

5.Bhala rizultat ta' dan l-incident l-Ufficcjal sofra harqa friska fuq ghonqu w spallejh u fuq il-parti ta' fuq ta' dahru, w gie trattat medikament fil-klinika tal-habs mit-tabib Dr. Daniel Barta.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w cioe' principalment li:

"*kull minn jingurja jew jhedded jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz...*"

Dan ir-reat huwa dak ta' *oltraggio* kif kontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan, li huwa forma ta' ingurja ta' gravita' specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku, w cioe' kif jghid **Crivellari** fil-ktieb tieghu ***Codice Penale***[1], li:

"*questo delitto si fa consistere dagli scrittori nell'offendere in qualsiasi modo con parole ed altro un pubblico ufficiale ad una persona legittimamente incaricata di un pubblico servizio in loro presenza e nell'ezercizio o per cauze delle loro funzioni ad uno pubblico amministrazione nel tempo delle sue ordinanze ed al cospetto di essa.*"

L-istess awtur izid jghid li:

"*l' offesa nel delitto di oltraggio non deve essere, secondo la scienza, l'inguria semplice o la diffamazzione ma la conculcazione aperta del*

[1] Vol. 6, pag 213 para 358 (Ediz. 1890)

*valore morale della persona per esprimerle la proprio disistima e provocare sifatta disistima con qualsiasi forma dell' attivita sia parola, sia gesti, sia minaccia, sia percossa, sia altre qualunque violenze ... la condizione per cui l'offesa all'autorita dello stato e` che il fatto costituente offesa contro la persona di colui che rappresenta lo stato abbia luogo nell'esercisio o per cause delle sue funzione. Cosiche l'esercizio o per cause delle sue funzione, deve avere avuto un efficacia determinatrice al prorompere nell'offesa.*"

L-element ta' dan ir-reat kif jghid **Crivellari**[2] u kkonfermat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet **Il-Pulizija v Amante Camilleri**[3] huma s-segwenti:

1. *e' necessaria un'offesa qualsiasi all'onore, alla ripetizione , al decoro;*
2. *soggetto passivo del delitto non puo' essere che un pubblico ufficiale;*
3. *l'offesa dev'essere fatta con parole o con fatti;*
4. *vuolsi la presenza del soggetto passivo non e` necessaria la pubblicita`;*
5. *l'offesa dev'essere fatta a causa dell'esercizio delle funzioni;*
6. *l'elemento intenzionale.*

Fil-ktieb **Il Codice Penale Italiano Illustrato**[4] ta' **Giovan Battista Impallomeni** taht it-**Titolu III para 393** imsejjah **Dei delitti contro**

[2] ibid.
[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) -- 17 ta' Ottubru, 1997 (App. Nru. 379/96)

**la pubblica amministrazione** jigi enfasizzat li l-legislatur ghamel dan ir-reat ghalih, u cioe' li tingurja ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu, b'mod distint milli thedded jew tingurja cittadin komuni peress illi l-ligi trid tipprotegi l-amministrazzjoni pubblika:

"*ma l' inguria, la violenza, le minaccie possono essere commesse contro il pubblico ufficiale non a causa delle sue funzioni ma nell' esercizio dell'amministrazione poiche insieme con l'offesa alla persona e disturbato la pubblica funzione".*

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale***[5] jiddeskrivi r-reat ta' oltragg bhala:

"*non e' altro che una forma speciale di inguria della quale presenta tutti gli elementi costitutivi esigenti in piu' che il soggetto passivo sia un pubblico ufficiale, e che questi venga offeso a motivo o mentre esercita la sua funzione*".

Illi m'hemmx dubbju li dak li ghamel l-imputat, u cioe' li tefa' l-ilma fid-direzzjoni ta' l-ufficcjal minn wara ghal fuq dahru, jammonta ghal ingurja fuq il-persuna t'ufficcjal pubbliku. M'hemmx dubbju li l-intenzjoni tal-imputat, meta ghamel dak li ghamel kienet tali li ried jingurja lill-ufficcjal, u dan ghaliex mill-grad tal-harqa, cioe' grad wiehed (1), l-ilma li tefaghalu zgur li kien shun, ghalkemm forsi mhux jaghli. Il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li qalet li l-imputat ma kellux l-

[4] Vol. II, pag. 222 (Ediz. 1890)
[5] Vol. II, pag. 771 (Ediz. 1977)

intenzjoni li jwegga' lill-ufficcjal, u dan ghaliex kien jaf li l-ilma kien shun, ghalkemm possibilment mhux jaghli, kif ukoll ghaliex tefghu fid-direzzjoni specifika tal-ufficcjal u mhux bla ebda direzzjoni. Jinghad in oltre li din it-tazza bl-ilma giet mitfugha lejn l-ufficcjal proprju ghaliex kien qed jaghmel id-dover tieghu, u cioe' li jikkoregi lill-imputat li dak il-hin kien prigunier il-habs. Din l-akkuza tirrizulta pprovata anke mix-xhieda tal-imputat stess moghtija fuq il-pedana tax-xhieda.

Dwar it-tieni (2) akkuza, w cioe' dik li kkaguna ferita ta' natura hafifa kif prospettata fl-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jinghad li effettivament kif ikkonferma t-tabib Daniel Barta viva voce, l-Ufficcjal 127 Jason Farrugia spicca b'harqa f'ghonqu, spallejh u dahru minhabba l-agir imprevist tal-imputat, li fi kliemu stess kien frustrat u rrabjat. Illi tali agir ikkawza ferita u cioe' dik li ssubixxa l-Ufficcjal. Ghalkemm tali ferita kif deskritta minn Dr. Barta, hija ta' natura hafifa, pero' stante li l-imputa kien prigunier meta kkometta dan ir-reat, il-piena ghandha tizdied ghaliex hemm l-aggravju kif kontemplat fl-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fit-tielet (3) u l-ahhar lok, l-imputat gie akkuzat ukoll talli huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fl-atti hemm esebita l-Fedina Penali tal-imputat li hija wahda reflettarja b'diversi reati u kontravenzjonijiet registrati fuqha, pero' fl-atti m'hemm esebita l-ebda sentenza li nghatat mill-Qorti sabiex tissostanzja l-akkuza tar-recidiva, w lanqas m'hemm xi verbal fejn il-

Prosekuzzjoni giet ezentata mid-Difiza milli tesebixxi xi sentenzi kriminali. Ghalhekk tali akkuza ma tista qatt tirrizulta.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' Artikoli 31, 33A, 49, 50, 95(1), 217 u 221 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddeciedi li qed issib lill-imputat JOSEPH BONNETT hati tal-ewwel zewg akkuzi u filwaqt li tikkundannah ihallas multa ta' elf Ewro (€1000) ai fini tal-ewwel (1) akkuza, qeghda tikkundannah ghal erba' (4) xhur prigunerija ai fini tat-tieni (2) akkuza, stante l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 33A tal-Kap. 9. Tiddikjara inoltre li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) akkuza, u cioe' dik tar-recidiva, w ghaldaqstant tilliberah minnha.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**